# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

**MAGISTRAT: DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D. MAG. JUR. (EU LAW)**

**Seduta tal-lum it-Tlieta 12 ta' Dicembru 2000**

Avviz numru 73/00G2

Maritime Authority

-vs-

Mario Muscat

Il-Qorti;

Rat l-avviz ta' l-atturi fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut li prevja dikjarazzjoni li hija dovuta lill-Awtorita' attrici mill-konvenut is-somma ta' hames mija u sitta u erbghin lira Maltin (Lm546), ihallas lill-Awtorita' attrici dan il-pagament, liema somma hija dovuta mill-konvenut bhala berthing fees ghall-uzu ta' l-irmigg ghad-dghajjes tieghu maghrufin wahda bl-isem "Nabucco" bin-numru 870 u l-ohra bin-numru ta' registrazzjoni S-7638, u ghal servizzi ohra bi hlas li gew provduti lil dawn id-dghajjes fuq il-pontoons tal-Yatch Marina tax-Xatt ta' l-Imgarr, Ghajnsielem, u fuq talba tal-konvenut, liema hlas baqa' ma giex saldat minnu minkejja diversi statements regolari u interpellazzjonijiet ghall-hlas li sarulu mill-Awtorita' attrici – invoices annessi u markati A u B rispettivament.

Bl-imghaxijiet mid-data li fiha gew ipprovduti dawn is-servizzi sal-effettiv pagament, li sal-lum jammontaw ghal hamsa u disghin lira Maltin (Lm95) u bl-imghax ulterjuri sal-hlas a saldu.

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Lulju 2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab imharrek.

Rat li l-intimat ma pprezentax risposta u lanqas deher fl-udjenza tal-lum.

Semghet l-avukat ta' l-attur jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont pretiz ghadu dovut skond il-fatturi esebiti u annessi mac-citazzjoni.

Tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' hames mija sitta u erbghin lira Maltin (Lm546) import ta' berthing fees ghall-uzu ta'

l-irmigg ghad-dghajsa "Nabucco" bin-numru 870 u d-dghajsa bin-numru S-7638 komprizi spejjez ohra, import ta' servizzi provduti lill-istess fil-Yacht Marina tax-Xatt ta' l-Imgarr, Ghajnsielem.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Lulju 2000 u bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur